MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 787/1989/1

**Michael Axixa ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'**
**"Lay Lay Company Limited"**

**Vs**

**Anthony Montebello**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi l-konvenut kkostitwixxa ruha debitur tal-attur nomine fis-somma ta' sebgha mija u hamsin lira Maltija (Lm750) skond skrittura privata tad-19 ta' Novembru, 1986 (Dok A);

Premess illi l-konvenut naqas li jhallas l-ammont fuq indikat minkejja diversi talbiet mill-attur nomine;

Premess illi l-imsemmi ammont hu dejn likwidu, cert u dovut, u l-attur nomine ikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu a terminu tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Dok B);

Ghaldaqstant l-attur nomine talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta' sebgha mija u hamsin lira Maltija (Lm750) rappresentanti somma flus minnu kostitwita b'debitu favur l-attur nomine; u

2. tiddeciedi din il-kawza skond it-talba u bid-dispensa tat-trattazzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Mejju, 1988 tal-ittra ufficjali tat-18 t'Awissu, 1988, tal-mandat ta' impediment tas-safar ppresentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Novembru, 1986.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti stante li l-konvenut huwa kummercjant u l-kawzali ukoll jirrigwardaw negozju koncernanti il-kummerc.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-partijiet kienu ftehmu li tali ammont ta' Lm750 kellu jsir permezz ta' xoghol da parte tal-konvenut ta' tahmil, fuq il-post fejn kien u kellu jindika l-attur nomine, b'dak li l-pagament tal-istess somma ghalhekk kellu jsir mill-konvenut permezz ta' xoghol ta' tahmil tal-istess valur.

3. Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal-premess, ma jista' lanqas isir ebda hlas da parte tal-konvenut ghaliex il-konvenut gie servut b'mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontra l-attur nomine, l-istess Mandat ta' Sekwestru b'numru 1602/88, datat 1 ta' Settembru, 1988.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-decizjoni preliminari ta' dina l-Qorti a fol. 13 u tal-Qorti ta' l-Appell a fol. 20;

Rat id-digriet a fol. 45 li bih gie nominat il-perit legali Dr. Mark Chetcuti;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali a fol. 95;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat il-verbal a fol. 101;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mir-relazzjoni tal-perit nominat jirrizulta li t-talba ta' l-attur noe ghandha tigi milqugha ghas-somma ta' Lm450 billi fil-mori tal-kawza l-attur kien thallas Lm300 f'xoghol.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talba ta' attur noe ghas-somma ta' Lm450
bl-imghax fuq dina s-somma mid-19 ta' Novembru, 1986
u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------